MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI) TRIBUNAL TAL-KONSUMATUR

**ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 2/2002

**Jean Schembri u Mary Borg**

**vs**

**Queen's Dry Cleaners**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Mejju, 2002 it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-28 ta’ Novembru 2001 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta’ tnejn u erbghin Lira Maltin (Lm42) rapprezentanti prezz ta’ libsa li wara li sarilha l-process ta’ dry cleaning sarilha l-hsara.

L-intimat ipprezenta risposta ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema’ x-xhieda tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u tal-intimat li huwa l-istess intimat u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:-

1. Ir-rikorrenti hadet il-libsa ghad-dry cleaning u wara li sarilha l-process hargulha t-tbajja.

2. L-intimat issottometta illi l-process sar skond is-sengha u l-art u li mhux it-tort tieghu li hargilha t-tbajja.

Ghal dawn il-motivi:-

It-Tribunal jilqa’ t-talba tar-rikorrenti in parte u tordna lill-intimat ihallas l-ammont ta’ hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25) bl-ispejjez kontra l-istess intimat u l-libsa tibqa’ proprjeta’ tar-rikorrenti.”

Id-ditta intimata appellat minn dina s-sentenza bl-aggravju li s-sentenza appellata kienet nieqsa minn motivazzjoni. Inoltre ikkontestat il-fatt illi t-Tribunal ma hatarx espert tekniku biex jiddetermina jekk il-hsara fil-libsa kienetx konnessa mal-process tad-“dry cleaning”.

Ir-rikorrenti wiegbu illi l-appell interpost huwa irritwali u improponibbli in kwantu:-

(a) gie intavolat tardivament;
(b) ma sar l-ebda ksur tal-principju ta’ gustizzja naturali;

(c) in-nuqqas ta’ hatra ta’ espert tekniku ma ikkreja l-ebda pregudizzju serju lid-ditta intimata.

Fl-udjenza tas-16 ta’ Dicembru 2002 l-appellati irtiraw l-ewwel eccezzjoni taghhom u ghalhekk din il-Qorti ser tiddezisti milli tikkunsidraha.

It-tieni eccezzjoni ghandha aktar bazi. Tabilhaqq l-aggravju ma jinkwadrax ruhu f’dawk il-kazijiet limitati fejn hu konsentit appell lil din il-Qorti minn decizjoni tat-Tribunal. Dan ghar-raguni illi skond l-Art 22 (2) tal-Kap 378, appell jista’ jsir biss meta t-Tribunal ikun agixxa kontra d-dettami tal-gustizzja naturali, u dik l-azzjoni tkun ippregudikat b’mod gravi l-jeddijiet ta’ min jappella.

Koncettwalment, gustizzja naturali tfisser l-applikazzjoni u l-harsien tal-principju baziku essenzjali tas-smiegh xieraq. Ma ghandux ikun dubitat minn ezami tal-atti illi d-ditta intimata nghatat smiegh xieraq mit-Tribunal u kellha l-opportunita’ li tipprezenta l-kaz taghha permezz ta’ Risposta (fol 3) u tipproduci l-provi.

Lanqas ma jirrizulta illi d-decizjoni tat-Tribunal ippregudikat b’mod gravi l-jeddijiet taghha kif hekk ukoll rikjest mill-Artikolu 22 tal-Att imsemmi.

It-Tribunal ma kien bl-ebda mod marbut li jinnomina espert tekniku. Dan anke ghaliex tali nomina tibqa’ dejjem wahda fakoltativa u mhux obbligatorja. Del resto, ghallanqas mill-atti, lanqas ma jidher li saret xi talba f’dan is-sens mid-ditta intimata. Konsiderat imbaghad it-tenwita` tad-dannu reklamat ma kienx jaghmel sens illi t-Tribunal ‘marte proprio’ jordna l-prova permezz ta’ perit espert in materja, meta hu seta’ jasal ghac-certezza morali bi prova ohra konvincenti fuq il-bazi tal-probabilita`.

F’dan kollu t-Tribunal ghandu wkoll l-konfort tal-ligi fejn fl-Artikolu 23 (2)(c) tal-Att jipprovdi li t-Tribunal “*ghandu jiddezisti kemm jista’ jkun milli jqabbad periti teknici sabiex jaghtu l-parir espert taghhom … …*”

Mill-qari ta’ dan id-dispost ukoll hu bil-wisq car illi t-Tribunal seta` jezercita l-fakolta` tal-hatra fid-diskrezzjoni illimitata tieghu u biss jekk ihoss li jezistu ragunijiet qawwija li jissugerixxu l-adozzjoni ta’ dan ir-rimedju probatorju.

Jekk it-Tribunal hass li ma kienx hemm raguni gustifikatorja biex jappunta espert biex jassistih, b’daqshekk ma jistax jigi ritenut illi gie lez xi principju tal-gustizzja naturali jew li ghal daqshekk gie arrekat pregudizzju talment gravi lid-ditta appellanti.

Kwantu ghall-aspett tal-motivazzjoni din il-Qorti ma taqbilx illi d-decizjoni appellata hi mankanti f’dan il-kuntest. Il-volonta tal-Arbitru hi ovvja mill-konsiderandi tas-sentenza – fil-fatt id-disposittiv hu ben definit u spjegat mill-istess konsiderandi u motivazzjoni.

Ghal darba ohra, imbaghad, l-ligi stess tiddetta illi l-Arbitru “*ma ghandux joqghod jaghti motivi imtawwlin dwar kif ikun wasal ghad-decizjonijiet tieghu, izda jkun bizzejjed li jelenka d-dettalji ewlenin li jkun sejjes id-decizjoni tieghu fuqhom*” (Art 23 (2)(d)).

Ukoll mehud qies tas-suespost ma jistax jigi inferit illi s-sentenza ivvjolat xi principju tal-gustizzja naturali. “*It-Tribunal ghamel l-apprezzament tieghu, u tajjeb jew hazin, din il-Qorti ma tistax tissindakah hlief jekk jirrizultalha li, effettivament, kienet saret it-tip ta’ vjolazzjoni ta’ principji ta’ gustizzja naturali li ghalihom tirreferi l-ligi*” – “**Johann Camilleri –vs- Ronald A. Cachia Phoenicia Laundry and Dry Cleaning**”, Appell, 27 ta’ Mejju 1999.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata. L-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu a kariku tal-appellanti.

-------------------------------TMIEM-------------------------------